C/2025/3628

3.7.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12031 — INVESTCORP / PSP / CROSSCOUNTRY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/3628)

1. Fl-24 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Investcorp North American Private Equity Limited ("Investcorp", il-Gżejjer Cayman)

— Public Sector Pension Investment Board ("PSP", il-Kanada)

— Victors CCC Topco LP ("CrossCountry", l-Istati Uniti). CrossCountry bħalissa hija kkontrollata biss minn Investcorp.

Investcorp u PSP se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' CrossCountry.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Investcorp hija maniġer tal-investiment fil-livell globali, u tispeċjalizza f'investimenti alternattivi f'diversi klassijiet ta' assi,

— PSP tamministra l-ammonti ttrasferiti lilha mill-Gvern tal-Kanada għall-finanzjament tal-benefiċċji miksuba mill-1 ta' April 2000 mill-membri tas-Servizz Pubbliku Federali Kanadiż, il-Canadian Forces u r-Royal Canadian Mounted Police u, mill-1 ta' Marzu 2007, ir-Reserve Force. Hija timmaniġġja portafoll globali diversifikat li jinkludi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u investimenti ta' kreditu.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' CrossCountry huma li ġejjin: il-forniment ta' soluzzjonijiet ta' trasformazzjoni fir-rigward tal-kontabbiltà, tal-finanzi, tar-riskji, tal-operazzjonijiet, iffaċilitati miċ-ċibernetika u mit-teknoloġija, lil klijenti privati u pubbliċi. Hija attiva primarjament fl-Istati Uniti.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12031 — INVESTCORP / PSP / CROSSCOUNTRY

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË